# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 23 ta' April 2001**

**Avviz. numru 1325/00**

**Numru 37**

**J.M. Supplies Company Limited**

**vs**

**Silvio Catania**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' erba' mija erbgha u hamsin Lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm454.41) import ta' prezz ta' karta, "envelopes", zewg siggijiet u "shredder" mibjugha u kkunsenjati lill-konvenut mis-socjeta' attrici kif ukoll l-imghaxijiet mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-hlas effettiv hekk kif jidhru fil-prospett anness mal-avviz u mmarkat bhala 'DOK A".

Bl-ispejjes komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' Gunju 2000 ("DOK B"), kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi dokumenti a fol 2, 3 u 4 tal-atti u mmarkati Dok A u Dok B.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-28 ta' Marzu 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm454.41,0 bl-imghax legali mill-21 ta' Gunju 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Gunju 2000.

Alan Calleja
Dep.Reg